**Analiżi tal-Istabbiltà Finanzjarja**

Żviluppi fl-ekonomija domestika u fis-sistema finanzjarja jiġu ssorveljati prinċipalment permezz tal-analiżi ta' indikaturi makro-prudenzjali u *data* finanzjarja oħra. L-analiżi, li tqis ukoll l-iżviluppi internazzjonali, tgħin biex jiġu individwati nuqqasijiet fl-istruttura u fil-funzjonijiet tas-sistema finanzjarja domestika, kif ukoll biex jiġu identifikati dawk il-ġrajjiet internazzjonali li jistgħu jġibu instabbiltà fis-sistema domestika. L-analiżi sserraħ ukoll fuq eżerċizzji li jittestjaw l-istress fuq livell makro biex jiġi valutat kemm is-sistema finanzjarja tiflaħ għal skossi estremi iżda plawsibbli. Il-qafas tal-istabbiltà finanzjarja hu komplementat bi struttura soda għall-immaniġġar ta' kwalunkwe kriżi finanzjarja potenzjali. Dawn il-proċessi jinvolvu ż-żamma ta' relazzjonijiet b'saħħithom ta' kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet domestiċi individwali kkonċernati u mas-swieq finanzjarji, waqt li tinżamm kooperazzjoni mill-qrib mal-banek ċentrali nazzjonali u mal-ispetturi finanzjarji barranin. Il-promozzjoni tal-implimentazzjoni u l-osservanza tal-istandards internazzjonali rilevanti għat-tisħiħ tas-sistema finanzjarja hi meqjusa importanti wkoll għat-tħaddim effettiv tas-sistema finanzjarja.